

ECHA/PR/12/15

Proposta għar-restrizzjoni ta' erba' ftalati klassifikati skont ir-REACH mhijiex iġġustifikata

B'kunsens, il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC) adotta l-opinjoni tiegħu li fiha ġie konkluż li r-restrizzjoni proposta ta' erba' ftalati klassifikati (DEHP, DBP, BBP, u DIBP) fl-oġġetti mhijiex iġġustifikata.

Helsinki, 15 ta' Ġunju 2012 – Fl-2011, l-awtoritajiet kompetenti Daniżi għamlu proposta ta' restrizzjoni bil-għan li jillimitaw l-espożizzjoni tal-bniedem għall-erba' ftalati fl-oġġetti tal-konsumaturi.

Fil-laqgħa tiegħu ta' din il-ġimgħa, il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC - Committee for Risk Assessment) ikkonkluda li d-dejta għad-dispożizzjoni ma tindikax li bħalissa hemm xi riskju minn espożizzjoni f'taħlita għall-erba' ftalati. Barra minn hekk, l-RAC kien tal-fehma li l-miżuri regolatorji eżistenti u t-tnaqqis konsegwenti fl-użu jkunu qegħdin ikomplu jnaqqsu l-użu. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-RAC iddeċieda li r-restrizzjoni proposta mhijiex iġġustifikata.

Il-Kumitat tal-ECHA għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC - Committee for Socio-economic Analysis) osserva tnaqqis kostanti fl-użu ta' dawn il-ftalati matul l-aħħar deċennju. Din ix-xejra hija mistennija li tkompli, u huwa maħsub li din se tkompli tissaħħaħ bir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-erba' ftalati. Wara li qies l-inċertezzi rigward l-espożizzjoni fil-ġejjieni, l-RAC irrakkomanda l-bijomonitoraġġ u s-segwitu tax-xejriet ta' użu għall-erba' sustanzi.

Din kienet l-ewwel darba sa mill-adozzjoni ta' REACH li ntuża approċċ ta' valutazzjoni f'taħlita. Ta' min jgħid li l-RAC ma xeħitx dubju fuq il-prinċipju ta' indirizzar tar-riskji permezz ta' espożizzjoni f'taħlita jekk is-sustanzi jaġixxu b'mod simili. Pereżempju, fil-każ tal-erba' ftalati, kollha kemm huma juru karatteristiċi antiandroġeniċi.

Wara l-konklużjonijiet tal-RAC li r-restrizzjoni proposta ma tqisitx iġġustifikata, l-SEAC iddeċieda li ma jkollhom ebda bażi għal opinjoni ta' appoġġ peress li ma ntwerix li hemm riskju. L-abbozz tal-opinjoni tal-SEAC se jiġi ppreżentat għal konsultazzjoni pubblika għal sittin jum, bl-opinjoni finali tiegħu li tiġi adottata sa mhux aktar tard minn Diċembru 2012.

Aktar informazzjoni

Websajts tal-RAC u s-SEAC

<http://echa.europa.eu/mt/web/guest/about-us/who-we-are/member-state-committee>

Websajt tar-Restrizzjoni

<http://echa.europa.eu/mt/web/guest/regulations/reach/restriction>

L-opinjoni tal-RAC sejra titqiegħed għad-dispożizzjoni fil-futur qarib fuq il-link li ġej

<http://echa.europa.eu/mt/web/guest/restrictions-under-consideration>

L-abbozz tal-opinjoni tal-SEAC sejjer jiġi sottomess għal konsultazzjoni pubblika fuq il-link li ġej

<http://echa.europa.eu/mt/web/guest/restrictions-under-consideration>